**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 5 ta' Dicembru 2023**

Rikors Numru: 539/23 AL

A B C

u

D E F

(M.R. Numru 640/2003)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettew:

1. Illi r-rikorrenti izzewgu nhar is-sitta ta' Ottubru tas-sena elfejn u wiehed (06/10/2001) u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg taghhom (Dok A);

2. Illi miz-zwieg taghhom twieled wild wiehed, G, nhar il-wiehed u ghoxrin ta' Dicembru tas-sena elfejn (21/12/2000);

3. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Karen Valletta nhar it-tlieta ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (03/03/2017) (kopja hawn annessa u mmarkata Dok B);

4. Illi fl-imsemmi kuntratt, il-partijiet kienu rrinunzjaw mid-dritt taghhom li jitolbu u jottjenu manteniment minghand xulxin, filwaqt li m'hemm ebda pendenzi dwar il-manteniment tal-wild G, li dejjem thallas mir-Ragel;

5. Illi m'hemm l-ebda prospett raggonevoli ta' rikonciljazzjoni, anke l-ghaliex, illum il-gurnata z-zewg partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

6. Illi bhala stat ta' fatt huma ilhom jghixu hajja separata de facto sa minn Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) u dan kif anke jirrizulta minn klawsola numru wiehed tal-kuntratt ta' separazzjoni taghhom;

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 668 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu lil dina l-Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 668 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan tal-ahhar jirregistra l-istess fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet,

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavits bix-xiehda taz-zewg rikorrenti;

Rat in-nota konġunta tal-partijiet;

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Ottubru 2023;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi biex zwieg jigi maħlul u dana peress illi l-partijiet ippruvaw li ilhom legalment separati minn xulxin mit-3 ta' Marzu 2017;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprovaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn meta din is-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-hall taz-zwieg bejn il-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.